## IMMORRU. . . .

*Ta' Vinsent Ungaro*

*Lil Marti.*

Immorru, Marija,
Weħidna, flimkien,
Inħallu warajna
Dal-ħin, bla waqfien
Did-dinja bla ħniena
Imgħammra bil-ħżiena.
Inħallu warajna
In-nisel tal-hemm
Li qisu d-din tiegħu
Ġie msawwar mis-semm:
Fih tgħammar kull diqa
Taħt ħarstu qarrieqa.
Insibu dinj' oħra
Fejn nies ma jgħammrux,
Fejn għira, mibegħda,
U ġlied ma jgħixux;
Fejn tidħak kull sliema
B'qalb safja bħal kliemha.
Immorru f'saltn' oħra
Fejn nies ma rifsux,
Fejn ilħna faħxija
Ta' għelt ma waslux;
Fejn tħammar irżina
L-Imħabba ħanina.
Weħidna, f'dis-saltna
Hemm ngħixu henjin
Imwarrba mix-xafra
Ta' lsien il-bnedmin.
Dir-rokna kennija
Tkun bl-għaxqa mimlija.
Hemm ngħammru għal dejjem
Mal-bhejjem u t-tjur
Taħt sema b'nir safi
Bla bjiel ta' ħajbur;
Fejn l-ilma tax-xmajjar
Jidħkilna fl-għadajjar.

U l-għanja tal-baħar
U l-għasel u l-bħur
Jitħalltu mal-ħlewwa
Li jgħanni l-għasfur
Fil-għodu, fl-għaxija
Kull ħin poeżija.
U norqdu x'ħin jidlam
Taħt l-ikħal sabiħ;
Fuq l-aħdar bellusi
Insibu l-mistrieħ,
U tħannen lil ngħasna
Ix-xmara fejn rasna.
Inqumu x'ħin jisbaħ
Mad-dawl taż-żerniq
Xħin kollox madwarna
Iqim il-Ħallieq:
U nagħtu l-ħajr tagħna
Lill-Qawwa s-Setgħana.
Inqumu fil-għodu
Mad-dawl tat-tbexbix
Maħsula bil-fidda
Li tiksi l-ħaxix
U ż-żiffa ferrieħa
Mogħnija b'kull fwieħa.
U nħossu ġo ruħna
Jitnissel kull serħ,
U terġa' tfur qalbna
Bil-milja tal-ferħ:
Hekk ngħixu ħajjitna
Fis-skiet ta' mħabbitna.
Immorru, Marija,
Naħarbu flimkien,
Inħallu warajna
Malajr, bla dewmien
Did-dinja tad-dnewwa
Li tkasbar kull sewwa.



## IL-MEWT TA' ARTHUR VASSALLO

Il-bxara għalgħarrieda tal-mewt tas-Sur **Arthur Vassallo,** magħruf fostna bħala "Announcer" tas-Sezzjoni Maltija fil-B.B.C. ta' Londra, li ġrat fil-25 ta' April, 1956, taħt ċirkustanzi ta' disgrazzja b'esplożjoni fil-bini ta' li "Scripture Gift Mission", f'Victoria, instemgħet bl-aktar dispjaċir u qanqlet ħasra fost kemm nies kienu jafuh, kif ukoll fost dawk li kienu soltu jisimgħuh jitkellem u jagħti l-aħbarijiet bil-Malti minn Londra. Aħna li nafuh tajjeb u kellna relazzjonijiet miegħu sewwa fil-qasam tal-letteratura Maltija, kemm ukoll bħala Membru tal-"Għaqda", ma nistgħux ma nfissrux il-ħasra tagħna għat-telfa kbira li laqtet il-familja tiegħu u lil qrabatu kollha.



Is-Sur Arthur Vassallo ilu nieqes minn Malta mill-bidu tal-Gwerra l-Kbira, u, bħala Surmast fl-Iskejjel Elementari, kien telaq għall-Ingilterra biex jitħarreġ fil-metodi tal-pedagoġija, qabel ma jilħaq Surmast Prinċipali. Wara l-gwerra baqa' Londra, fejn, bi ftehim mal-Gvern Malti, wara wkoll rikkmandazzjoni tal-"Għaqda", kien daħal fil-B.B.C. bħala "Announcer" tas-Sezzjoni Maltija.

Is-Sur Vassallo, fil-programmi bil-Malti kien 'l hawn u 'l hinn, idaħħal xi proża jew poeżiji bil-Malti, u jistieden biex jitħaddtu fuq il-mikrofonu tal-B.B.C. lil dawk il-Maltin li jinzertaw imorru jżuruh.

Vassallo kien ukoll magħruf bħala kittieb ta' versi, u tiegħu għandna xi versi miġjubin fl-antoloġiji. Bħala bniedem imħarreġ fil-kitba letterarja Maltija kien maħtur bħala Eżaminatur tal-Malti fl-eżamijiet tal-Matrikola ta' Londra.

Bil-mewt tiegħu l-"Għaqda" tilfet wieħed mill-Membri ewlenin tagħha li, għalkemm ilu mbiegħed minnha għal bosta snin, tiegħu baqgħet iżżomm l-egħżeż tifkira, bħala wieħed mill-Membri u ħbieb tagħha li dejjem baqa' marbut magħha fil-ħsieb u fil-qalb.